# Tberik tal-Għid

Minn nhar it-Tnejn ser jibda t-tberik fid-djar kollha tal-parroċċa tagħna. It-tberik hu mument ta' grazzja li fih inħossu l-Mulej qrib tagħna ġo darna stess. Jalla l-barka tiegħu nħalluha mhux biss tmiss il-ħitan ta' darna imma tinżel fil-fond ta' qalbna sabiex nindunaw kemm Hu jħobbna u jafna wieħed wieħed b'isimna; jaf l-istorja tagħna; jaf kulma għaddejna minnu; jaf kemm batejna u stinkajna, kemm ħdimna u ttamajna; u jrid ibierek xogħol idejna u jqawwi 'l qlubna sabiex nibqgħu nkunu strumenti ta' paċi u mħabba fil-familji tagħna u fost dawk kollha li niltaqgħu magħhom. Jalla dak l-ilma mbierek tal-Għid Imqaddes li s-saċerdot se jroxx fuqna, jiffriskalna l-fidi, it-tama u l-imħabba u jġedded fina l-ħajja ta' wlied Alla li rċivejna dakinhar tal-Magħmudija tagħna.



Nistednukom tmexxu mal-programm ħalli taraw meta jmisskom u ġentilment nitolbukom, jekk inhu possibbli, biex tħallu l-bieb miftuħ jew imbexxaq, ħalli s-saċerdot, waqt li jkun għaddej, jifhem minnufih li tixtiequ tbierku.

L-Arċipriet ser ikun qed ibierek fiż-żona kollha tan-naħa ta' Lvant tal-parroċċa u ser jieħu iktar fit-tul. Dan ħalli permezz ta' dawn iż-żjajjar, ikollu ħin biżżejjed biex jiltaqa' possibbilment mal-familji kollha ta' din iż-żona. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-akkoljenza u d-disponibilità tagħkom.

L-offerti kollha li ser jogħġobkom toffru lis-saċerdoti matul dan it-tberik tal-Għid ser imorru għall-ħtiġijiet pastorali tal-parroċċa tagħna. U kif jgħid San Pawl meta jħeġġeġ lill-Korintin sabiex ikunu ġenerużi ma' ħuthom, jgħidilhom: "Kull wieħed għandu jagħti skont ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ. Alla mbagħad għandu l-ħila jfawwarkom b'kull xorta ta' barka, hekk li dejjem u f'kollox ikollkom kulma hu biżżejjed għalikom, u jibqgħalkom ukoll għal kull opra tajba" (2Kor 9,7-8).

**Offerta ta' Ħamis ix-Xirka għas-Saċerdoti**

Filwaqt li nirringrazzjaw minn qalbna lil dawk kollha li diġà wasslu l-offerta tagħhom għas-Saċerdoti tagħna, inkomplu nħeġġu lil kull min jixtieq jgħin u jsostni lis-Saċerdoti sabiex iwassal l-envelop ta' Ħamis ix-Xirka fl-uffiċċju jew fil-knisja.

**Play fil-Museum tas-Subien**

Nhar il-Ħadd 27 ta' April fis-6.00pm ser tittella' l-play *Faqar li stagħna* fis-sala tal-Museum tas-subien. Kulħadd huwa mistieden u mħeġġeġ jattendi għal din il-play mimlija tagħlim għall-familja kollha.

**Easter Lunch**

L-Għaqda Dun Franġisk Grima qed torganizza ikla fil-Boutique Hotel Santa Lucia nhar il-Ħamis 24 t'April. Għad baqa' xi postijiet disponibbli. Min hu interessat iċempel lil Tonina Sammut fuq 21553041/79923153 sa nhar it-Tlieta, sabiex jagħmel l-għażla tal-ikel u jibbukkja t-trasport li jitlaq minn ħdejn iċ-Ċentru fil-11.30am.

**Libsa għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina**

L-ilbiesi tat-tfal li ser jirċievu s-sagrament tal-Ewwel Tqarbina ser jingħataw nhar l-Erbgħa 23 ta' April 2025. Dawn jistgħu jinġabru mill-4.30pm sas-5.45pm minn Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13 (ħdejn il-Każin tal-Banda).

F'dawn l-istess ħinijiet fis-sala ser ikun hemm ukoll fotografu apposta sabiex jieħu r-ritratti tat-tfal kollha ħalli jintużaw fil-ktejjeb li ser jingħatalhom b'tifkira. Min ma jistax jattendi f'din il-ġurnata għandu jibgħat email fuq nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex jingħata appuntament ieħor.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am